VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,462, 11 ta' Awwissu, 2015
Taqsima B

A.L. 258 tal-2015

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI
(KAP. 318)

Ordni tal-2015 li jemenda l-Għaxar Skeda li tinsab mal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 84 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, bi ftehim mal-Ministru għall-Finanzi, għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2015 li jemenda l-Għaxar Skeda li tinsab mal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u dan l-Ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Għaxar Skeda li tinsab mal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema Għaxar Skeda minn hawn iżjed 'il quddiem tissejjaħ l-"Ghaxar Skeda".

(2) L-iskop ta' dan l-Ordni hu biex jintroduċi kontribuzzjoni li titħallas mill-prinċipali fil-Fond tal-*Leave* għal Maternità.

(3) Dan l-Ordni għandu jidħol fis-seħħ fis-6 ta' Lujlu 2015.

Jemenda l-Għaxar Skeda.

2. Minnufih wara t-Taqsima III tal-Għaxar Skeda għandha tiżdied it-Taqsima ġdida li ġejja:

"TAQSIMA IV

Kontribuzzjoni għal Fond tal-*Leave* għal Maternità
(Prinċipal)

Kategorija	Xorta ta' Persuna Impjegata	Rata fil-Ġimgħa ta' Kontribuzzjoni li għandha titħallas mill-Prinċipal tagħha
A	Persuni taħt it-18-il sena li l-paga bażika fil-ġimgħa tagħhom, jew li l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar tagħhom, ma teċċedix €166.26	€0.20ċ
B	Persuni li għalqu t-18-il sena li l-paga bażika fil-ġimgħa tagħhom, jew li l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar tagħhom, ma teċċedix €166.26	€0.50ċ

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ċ	Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 **jew qabel**, u li l-paga bażika fil-ġimgħa, jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar, teċċedi €166.26 iżda ma teċċedix €343.11	0.3% sal-eqreb ċenteżmu tal-paga bażika fil-ġimgħa, jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar
	Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 **jew wara**, u li l-paga bażika fil-ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar teċċedi €166.26 iżda ma teċċedix €418.25	
D	Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 **jew qabel**, u li l-paga bażika fil-ġimgħa tagħhom, jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar, teċċedi €343.11	€1.03ċ
	Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 **jew wara**, u li l-paga bażika fil-ġimgħa tagħhom, jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar, teċċedi €418.25	€1.25ċ
E	Persuni taħt it-18-il sena li jkunu qegħdin jagħmlu kors ta` studju full-time jew tagħlim taħt l-Iskema Student Ħaddiem, jew skemi oħrajn simili (inklużi l-*Extended Training Schemes*, iżda eskluży l-Iskemi ta` Ħaddiem Student) li jkunu jinvolvu perijodi distinti ta` xogħol u studju li dwaru jkunu qegħdin jirċievu rimunerazzjoni	0.3%, maħduma sal-eqreb ċenteżmu, tar-rimunerazzjoni bażika fil-ġimgħa tagħhom jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni bażika fix-xahar tagħhom sa rata massima ta' kontribuzzjoni ta' €0.13ċ
F	Persuni li għalqu t-18-il sena li qegħdin jagħmlu kors ta` studju *full-time* jew tagħlim taħt l-Iskema Student Ħaddiem, jew skemi oħrajn simili (inklużi l-*Extended Training Schemes*, iżda eskluży l-Iskemi ta` Ħaddiem Student) li jkunu jinvolvu perijodi distinti ta` xogħol u studju li dwaru jkunu qegħdin jirċievu rimunerazzjoni	0.3% maħduma sal-eqreb ċenteżmu, tar-rimunerazzjoni bażika fil-ġimgħa tagħhom jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni bażika fix-xahar tagħhom sa rata massima ta' kontribuzzjoni ta' €0.24ċ

".